# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju 2025**

**Numru: 4**
**Rikors numru: 54/2015/1 FDP**

**Avukat Dr Tonio Azzopardi bħala mandatarju speċjali**
**ta' Emanuel Beck u dan kif indikat f'digriet**
**tal-1 ta' Frar 2017**
**v.**
**Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat u**
**Marita Beck, personalment u okkorrendo għan-nom**
**ta' wliedhom minuri.**

1. Dan huwa appell wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha tal-15 ta' Frar 2024, fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' eżawriment ta' rimedju ordinarju u konsegwentement irrifjutat illi teżerċita s-setgħat tagħha

skont l-ewwel subartikolu tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dana fid-dawl ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli hekk kif garantit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, id-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja hekk kif garantita taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u d-drittijiet protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Il-proċeduri odjerni jirrigwardaw dak li ġara fil-kawża ta' separazzjoni personali bin-numru 227/2007 fl-ismijiet **Marita Beck pro et noe vs Emanuel Beck** deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-21 ta' Marzu 2014, liema sentenza *ormai* għaddiet in ġudikat.

3. Permezz ta' din is-sentenza, it-talbiet tal-attriċi ġew milqugħa, b'dan illi l-Qorti attribwiet it-tort għas-separazzjoni lill-appellant Emanuel Beck, il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet ingħatat lill-omm, filwaqt illi l-appellant ġie ordnat iħallas manteniment għaż-żewġt itfal. *Di più* l-attriċi ngħatat id-dritt illi tibqa'

tabita fid-dar matrimonjali, li kienet proprjetà parafernali tal-appellant, għal perjodu ta’ sentejn mid-deċiżjoni finali.

4. L-appellant appella minn tali deċiżjoni, iżda l-appell, ġie dikjarat deżert fl-1 ta’ Ġunju 2015, peress illi ma tħallsitx il-kawtela mitluba mil-Liġi.

5. Fil-mori tal-proċeduri l-imsemmija Marita Beck ġiet nieqsa.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

6. Illi permezz ta’ rikors intavolat nhar it-8 ta’ Ġunju 2015, quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti talab dikjarazzjoni illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom hekk kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u kif ukoll l-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni. Ulterjorment ir-rikorrenti talab lill-Ewwel Qorti toħroġ dawk l-atti, tagħmel dawk l-ordnijiet u tagħti dawk id-direttivi sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tiegħu, filwaqt illi tordna li l-appell tiegħu fil-kawża numru 227/2007 jerġa’ jitqiegħed fuq il-lista u effettivament jinstema’ u jiġi deċiż *stante* illi l-kwistjoni ta’ abbandun tal-appell ma tistax tqum ġaladarba teżisti prova ċara li r-rikorrent ried li l-appell tiegħu jinstema’ u jiġi deċiż.

7. Permezz ta’ risposta datata 24 ta’ Ġunju 2015, l-intimat Avukat tal-Istat laqa’ għal dak mitlub billi eċċepixxa illi r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi. L-intimat Avukat tal-Istat irrespinġa wkoll il-lanjanzi konvenzjonali tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, b’dana illi bl-ebda mod ma ġew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Huwa evidenti li r-rikorrenti qed juża l-proċeduri odjerni biex jerġa’ jiftaħ mill-ġdid il-mertu tal-kawża dwar separazzjoni personali biex b`hekk juża din il-Qorti bħala Qorti tat-tielet appell.

8. Fl-4 ta’ Novembru 2015, l-intimata Marita Beck ippreżentat ir-risposta tagħha, u eċċepiet illi *in linea* preliminari, l-esponenti Marita Beck flimkien ma' wliedha għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li huma ma jistgħux jitqiesu bħala legittimi kontradittturi f’dawn il-proċeduri. Żiedet illi għalkemm il-kawża ġiet intavolata kontra wliedhom minuri, meta ġiet intavolata l-kawża u ċjoè fit-8 ta‘ Ġunju 2015, l-ulied kienu ġa laħqu l-età maġġorenni. Żiedet ukoll illi r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu sostniet illi l-lanjanzi invokati mir-rikorrenti huma bla bażi.

9. Fis-26 ta' Settembru 2017, il-Qorti ġiet informata illi mietet Marita Beck, u għalhekk il-proċeduri fil-konfront tagħha ġew ċeduti.

10. B'sentenza datata 15 ta' Frar 2024, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' eżawriment ta' rimedju ordinarju eċċepita mill-intimat, u għalhekk irrifjutat illi teżerċita s-setgħat tagħha skont l-ewwel subartikolu tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi r-rikorrent kellu a dispożizzjoni tiegħu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.

**C. L-Appell:**

11. L-appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar il-5 ta' Marzu 2024, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-15 ta' Frar 2024 u tiddeċiedi hija stess il-kawża billi tiddikjara li l-appellant Emanuel Beck sofra ksur tal-jeddijiet fondmentali tiegħu u tpoġġi lura fuq il-lista l-appell tiegħu sabiex jinstema' u jiġi deċiż bl-għan li huwa ma jsofrix '*a disproportionate burden*' u b'hekk tilqa' t-talbiet tiegħu.

12. L-Avukat Ġenerali issa l-Avukat tal-Istat, wieġeb għall-appell permezz ta' risposta datata 20 ta' Marzu 2024, u afferma illi s-sentenza appellata hija waħda ġusta u korretta u timmerita illi tiġi kkonfermata. Żied illi l-aggravju tal-appellant fejn jispjega għalfejn

fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kienet skorretta bil-mod kif iddeċidiet il-proċeduri huwa wieħed infondat, għaliex mill-atti jirriżulta biċ-ċar illi l-appellant naqas milli juża rimedju ordinarju effettiv. Iżid illi din il-Qorti m'għandhiex tiddeċiedi hi kwistjonijiet li huma purament ta' natura ordinarja li jirrigwardaw il-funzjoni tal-Qorti tal-Familja, u l-Qorti tal-Appell.

*L-Aggravju:*

13. Essenzjalment l-appellant avvanza aggravju wieħed li però jindirizza żewġ punti distinti. Fl-ewwel lok, l-appellant jafferma illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta fil-mod kif iddeċidiet il-kawża; in kwantu jisħaq illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeklina u tirrifjuta illi teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Jispjega illi l-Qorti tal-Appell Ċivili, li l-Ewwel Qorti kkunsidrat bhala rimedju ordinarju, ma setgħat qatt tipprovdi rimedju fir-rigward tal-lanjanzi kollha mressqa mir-rikorrenti, wisq anqas setgħet tiddeċiedi dwar il-validità kostituzzjonali tad-digriet ta' deżerzjoni mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell stess.

14. L-appellat Avukat tal-Istat jafferma illi kien l-appellant li naqas milli jużufruwixxi ruħu minn rimedju ordinarju qabel ma fetaħ il-kawża kostituzzjonali odjerna. Iżid illi l-appellant kellu wkoll ikompli juri interess fil-kawża fl-appell minnu intavolat u dan ma seħħx

unikament minħabba nuqqas tal-istess appellant. Jirrileva illi huwa ċar illi l-appellant ħassu aggravat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u għalhekk m'għandhiex tkun din il-Qorti li tiddeċiedi kwistjonijiet li huma purament ta' natura ordinarja. L-Avukat tal-Istat jagħmel referenza wkoll għat-testimonjanza tad-Deputat Reġistratur, u r-rekwiżit indikat fl-Artikolu 249(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in materja:

> *"Jirriżulta illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent jilmenta illi l-kawża tiegħu ġiet deżerta unikament għax ma kienx ġie mgħarraf bil-kawtela illi kellha titħallas. Madanakollu, filwaqt illi jista' jkun illi, sad-data meta nħareġ l-avviż tas-smigħ, r-rikorrent seta' kien sprovvist minn kemm kienet il-kawtela, ċertament fis-27 ta' April 2015, meta deher għalih il-konsulent legali tiegħu, li għan-nom tiegħu laqa' l-avviż tas-smigħ, huwa kien ben a korrent tal-kawtela illi kellha titħallas, tant illi tniżżel illi ġie notifikat b'tali avviż għall-ħlas tal-kawtela.*
>
> *Jirriżulta wkoll illi l-Qorti tal-Appell tat żmien xahar lir-rikorrent sabiex jiddeposita lkawtela meħtieġa biex l-appell tiegħu jinstema', iżda r-rikorrent, flok ma ddeposita l-kawtela, ppreżenta rikors WARA illi kellha titħallas il-kawtela, li fiha kkontenda illi ma kienx mgħarraf b'kemm kienet il-kawtela w talab li jingħata żmien għall-ħlas tal-kawtela.*
>
> *Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi, anke WARA illi l-kawża ġiet dikjarata deżerta minħabba n-nuqqas tar-rikorrent, abbażi tal-artikolu 209 fuq kwotat, ir-rikorrent kellu kull dritt jerġa' jitlob sabiex l-appell jiġi riappuntat, u dan fi żmien tmint ijiem, b'dan illi huwa kellu jiddeposita l-kawtela – dana ma għamlux.*
>
> *Hawnhekk, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali f'kawża b'fatti simili, fl-ismijiet Emanuel*

*Portelli et vs Kummissarju tat-Taxxi et deċiża fis-27 ta' Jannar 2021, fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-obbligu tar-rikorrent fil-proċeduri minnu mibdija:*

*Huwa minnu illi l-appellanti ma kinux ġew notifikati personalment bl-avviż tas-smigħ tal-appell tagħhom, iżda jirriżulta ampjament illi l-avukat tagħhom kien jaf b'dan l-appell u kien filfatt deher quddiem il-Qorti aktar minn darba, iżda l-appellanti ma kinux ħadu ħsieb illi jinnotifikaw lir-Reġistru tal-Qorti, jew imqar lill-avukat tagħhom, bil-bidla fl-indirizz tagħhom, minkejja l-fatt illi dan kien fl-interess u obbligu tagħhom sabiex jagħmluha possibli li jiġu nnotifikati bis-smigħ tal-appell. Il-Qorti tfakkar illi huwa d-dmir tal-partijiet f'kawża illi jieħdu ħsieb iħarsu l-interessi tagħhom fil-kawża u jekk huma għażlu illi ma jinformaw lil ħadd dwar il-bidla fl-indirizz tagħhom, imputet sibi, għaliex żgur illi ma jistgħux jippretendu illi l-appell kellu jibqa' pendenti indefinittivament.*

*Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Zubac v. Croatia (QEDB, 05/04/2018):*

*"… procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157)."*

*Huwa ċar, fil-każ odjern, illi r-raġuni 'l għaliex l-appell tiegħu minn sentenza, illi huwa tant ħassu aggravat dwarha illi ntavola l-proċeduri odjerni, baqa' qatt ma nstema' kien għax ir-rikorrent ma għamilx dak meħtieġ sabiex din tinstema', billi ma ħallas ebda kawtela, la fil-ġurnata tas-smigħ tal-appell, lanqas fil-perjodu ta' xahar mogħti lilu mill-Qorti tal-Appell u wisq anqas fil-perjodu ta' tmint ijiem illi għaddew minn dakinhar illi l-appell ġie dikjarat deżert.*

*Għalhekk, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent, xjentement, għażel illi ma eżawriex ir-rimedji kollha tiegħu permezz tas-smieħ tal-aggravji tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha teżerċita s-setgħat tagħha kif miltub mir-rikorrent, peress illi r-rikorrent naqas li juża l-għodda li*

*tagħtih il-liġi ordinarja – ossija illi jappella mid-deċiżjoni illi dwarha tant kellu ilmenti.”*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

16. Fl-ewwel lok jingħad illi skont il-ġurisprudenza kostanti, is-setgħa tal-Qorti li tirrifjuta milli teżerċita d-diskrezzjoni tagħha għaliex kien hemm rimedji ordinarji: *“għandha dejjem tiġi eżerċitata bi prudenza, b`mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm każ serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jiġix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taħt il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji oħra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fiċ-ċirkostanzi tal-każ.”*

17. Kif ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Ryan Briffa vs Avukat Ġenerali*** deċiża nhar l-20 ta' Marzu 2014:

> *“Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrent ghandux jew kellux ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u l-insenjament tal-qrati taghna gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet Olena Tetyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs (ara wkoll fost ohrajn Vincent Spiteri vs Onor Prim Ministru et, QK 31/08/1977; Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe, 7/3/1994; Mouwafak Toutoungi et vs Kummissarju tal-Pulizija et, 25/11/2011; Stacey Spiteri et vs Direttur tar- Registru Pubbliku 27/04/2012; u sentenzi ohra hemm citati).*
>
> *Fost il-principji enuncjati hemm is-segwenti: “1. L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta' fatt attwali u objettiv; “2. Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza lksur lamentat; “3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success*

*garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci; "4. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha lohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni; "5. In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent; "6. Izda meta jidher car li jezistu mezz ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali."*

18. Minn eżami akkurat tal-atti, il-Qorti rriżultalha illi permezz tar-rikors tal-appell intavolat nhar l-4 ta' April 2014 bin-numru 227/07, l-appellant avvanza s-segwenti aggravji u ċjoè: (i) illi l-Ewwel Qorti naqset lilu u lil uliedu bil-kbir matul iż-żmien kollu li fih ilhom għaddejjin il-proċeduri; (ii) ilmenta mill-mod kif tmexxiet il-kawża u l-akkoljiment ta' prattikament kull talba li għamlet l-attriċi u ċ-ċaħda ta' kważi kull talba li saret minnu; (iii) l-issollevar tal-eċċezzjoni tar-rikuża; (iv) kif l-Ewwel Qorti ppermettiet lill-attriċi tiżbanka diversi somom mill-kontijiet bankarji; (v) avvanza aggravju wkoll mill-fatt li l-ħtija għat-tkisser taż-żwieġ ġiet addebitata esklussivament lilu; (vi) ilmenta wkoll fir-rigward l-ordni ta' manteniment. Rat ukoll illi l-appellant issenjala wkoll xi zbalji fis-sentenza u ħassu aggravat mid-diviżjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-applikazzjoni tal-effetti tal-Artikolu 48 *et seq* fil-konfront tiegħu.

19. Rat ukoll illi fit-3 ta' April 2014, l-attriċi ppreżentat rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn talbet illi jiġu ordnati diversi korrezzjonijiet fejn l-appellant kien oġġezzjona għalihom. L-attriċi spjegat illi l-imsemmija żbalji kienu żbalji ta' kalkolu u li minkejja dan il-każ xorta waħda kien għadu *sub judice*. B'digriet mogħti nhar is-7 ta' Mejju 2014, l-Ewwel Qorti kienet laqgħet it-talbiet tal-attrici. Sussegwentement, din il-Qorti rat illi fil-proċeduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell, preċiżament fl-udjenza tas-27 ta' April 2015 l-avukat difensur tal-appellant ta ruħu b'notifikat kemm bl-avviż tas-smigħ u bl-avviż għall-ħlas tal-kawtela. Fil-fatt il-Qorti rat illi l-appellant ingħata sal-25 ta' Mejju 2015 sabiex jiddepożita l-kawtela. Il-Qorti osservat ukoll illi permezz ta' rikors datat is-27 ta' Mejju 2015, l-appellant talab lill-Qorti tal-Appell jingħata l-opportunità illi jew jirrisolvi l-problema tal-ħlas tal-kawtela u jsib meżżi mingħand barranin sabiex jiddepożita s-somma tal-kawtela jew okkorrendo jiġi ammess għall-benefiċċju tal-*cautio juratoria a tenur* tal-Artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. Sussegwentement, il-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2015 reġgħet rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Beck tas-27 ta' Mejju 2015 u rat ukoll illi preċedentement, Dr Tonio Azzopardi għall-appellant kien ta ruħu b'notifkat kemm bl-avviż tas-smigħ u kif ukoll

bl-avviż għall-ħlas tal-kawtela. Il-Qorti wara li ddeliberat dwar ir-rikors imsemmi, iddegretat l-appell deżert u dana wara illi:

> *"Rat li fis-seduta tas-27 ta' April 2015 Dr Tonio Azzopardi għall-appellant ta ruhu b'notifikat bl avviz tas-smigh u bl-avviz għall-hlas tal-kawtela u dak in nhar stes sl-appell gie differit ghad-data tallum ghat-trtazzjoni b'dan li l-appellant inghata zmien sal-25 ta' Meju 2015 sabiex jiddepożita l-kawtela.*
>
> *Rat ir-rikors ghall-ammissjoni ghall beneficcju tal cautio juratoria sar wara li skada t-terminu sabiex issir il-garanzija skont il-ligi. Il qorti tiddikjara l-apell desert.*
>
> *L-appell gie dikjarat deżert."*

21. Minn analiżi komparattiva tal-aggravji avvanżati fir-rikors tal-appell, u l-lanjanzi hekk kif proposti fir-rikors promotur odjern, huwa evidenti illi dak li ttenta jagħmel l-appellant kien li jikseb apprezzament mill-ġdid tal-każ ġaladarba meta l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert huwa kien tilef iċ-ċans illi jagħmel dan quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni. Ċans li l-appellant tilef unikament minħabba nuqqasijiet attribwibbli lilu. Dak li pprova jagħmel l-appellant huwa li jlibbes l-aggravji minnu oriġinarjament avvanzati fir-rikors tal-appell bin-numru 227/2007 libsa ġdida li tirrispekkja indoli konvenzjonali, u dan minkejja li l-lanjanzi minnu dedotti huma lanjanzi li intrinsikament jirrelataw mal-mertu u l-eżitu tal-proċeduri ta' separazzjoni personali.

22. Huwa ben stabbilit illi:

> *"The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy…*[1]*It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests."*[2]

23. L-ilmenti tar-rikorrenti fis-sustanza tagħhom baqgħu identiċi għal dawk avvanzati fl-appell bin-numru 227/2007 minkejja t-tentattiv tal-appellant illi jimposta dawn l-aggravji b'mod ftit differenti bit-tama illi jsalva dak li naqas li jagħmel quddiem il-Qorti tal-Appell fis-sens li jottempera ruħu ma' dak li trid il-liġi proċedurali u dan bla ebda skużanti. Fil-fatt il-Qorti tosserva illi l-appellant anke f'dan l-istadju kostituzzjonali baqa' jitlob illi l-appell tiegħu jitpoġġa lura fuq il-lista sabiex jinstema'. Huwa għalhekk ċar illi l-pretensjonijiet avvanzati mill-appellant ma kellhomx ikunu dedotti f'kawża kostituzzjonali, iżda f'kawża ordinarja. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiċċensura l-mod kif l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni kostituzzjonali tagħha skont il-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-*proviso* tal-Art.4(2) tal-Kap.319.

24. Lanqas ma taqbel mal-appellant meta jisħaq illi peress li kienet intlaqgħet it-talba għall-korrezzjoni tal-attriċi, huwa ma setax jappella mis-sentenza hekk modifikata għaliex huwa kien diġà

---

[1] Ara **Miragall Escolono and Others v. Spain**, u **Nakov v. The Former Yugoslav Republic of Macedonia**.
[2] Ara **Teuschler v. Germany** u **Sukhorubchenko v. Russia** u **Muscat v. Malta**.

ppreżenta l-appell tiegħu. Il-korrezzjonijiet kienu minimi, u ma kien hemm xejn li jżomm lill-appellant milli jġib dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell. Din il-Qorti ma tista' qatt tkun parteċipi f'sitwazzjoni fejn parti li taġixxi in oltraġġ tar-regoli tal-proċedura, imbagħad titħalla taġevola ruħha mill-proċedura kostituzzjonali/konvenzjonali sabiex tipprova tirrimedja għan-nuqqasijiet tagħha, partikolarment meta kif jirriżulta fil-kaz odjern *si tratta* ta' nuqqas unilaterali tal-appellant li jieħu miżuri legali disponibbli u daqstant aċċessibbli. Għalhekk u b'referenza għal dan l-ewwel aspett tal-aggravju tal-appellant, din il-Qorti tikkondividi pjenament il-pożizzjoni tal-Ewwel Qorti u tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta laqgħet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji. Din il-Qorti trid tippreċiża illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li wara li l-appell ġie dikjarat deżert minħabba in-nuqqas tal-appellant li jħallas il-kawtela skont l-Artikolu 209 tal-Kap. 12, ir-rikorrenti kellu dritt jitlob li l-appell jerġa' jiġi riappuntat fi żmien tmient ijiem, b'dan li jiddepożita l-kawtela. Dak iż-żmien l-Artikolu 209 ma kienx jipprovdi għal dak ir-rimedju f'dik iċ-ċirkostanza. Dan ma jbiddel xejn mill-konsiderazzjonijiet li saru fuq din il-parti tal-aggravju.

25. B'referenza għal bqija tal-aggravju tal-appellant, in kwantu dan jinsab dirett lejn l-Imħallef li ppresjeda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) u l-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali u indipendenti, l-appellant jisħaq illi huwa lmenta mal-Kummissjoni

għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fil-konfornt tal-imġieba tal-Imħallef sedenti. Sostna illi dak iż-żmien l-Imħallef sedenti kien viċi president tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u f'perjodu ieħor kien anke membru, b'dana illi eżamina l-ilment tal-appellant anke f'dan il-*forum*. Allega wkoll illi l-avukat difensur ta' martu kien ta' "ġewwa" u li martu tħalliet tiżbanka somom konsiderevoli mill-ammont li kien hemm sekwestrati.

26. Da parti tiegħu l-Avukat tal-Istat isostni illi ma nġabet l-ebda prova li l-Imħallef sedenti kien b'xi mod "*biased*" fil-proċeduri in kwistjoni għaliex sempliċiment ċaħad diversi rikorsi *pendente lite* intavolati mill-istess appellant. L-Avukat tal-Istat jirriafferma illi l-appellant qiegħed juża l-proċeduri odjerni sabiex jerġa' jiftaħ mill-ġdid il-mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali. L-appellat Avukat tal-Istat jissottolineja illi l-kawża ta' separazzjoni kienet karatterizzata minn numru konsiderevoli ta' rikorsi *pendente lite* intavolati mill-istess appellant, fejn il-Qorti kienet rikjesta illi tirrevoka jew tvarja digrieti mogħtija minnha stess, partikolarment dwar l-iżgumbrament ta' mart l-appellant mid-dar matrimonjali, u kif ukoll fir-rigward tal-iżbank ta' flejjes depożitati l-Qorti. Jisħaq illi l-fatt waħdu li l-Qorti ma taqbilx ma' teżi ta' parti f'kawża ma jissarrafx fi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq.

27. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ilment ewlieni tar-rikorrent, rifless tul il-proċedimenti u provi kollha odjerni, kien illi l-Ewwel Qorti mxiet ħazin fil-konfront tiegħu u li ma kellux smiegħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali.*

*Ir-rikorrent jilmenta illi, riżultat tal-aġir tal-ġudikant illi kien qiegħed jippresjedi l-Ewwel Qorti, huwa sofra ksur tad-dritt għall-ħajja tal-familja, għax ma ngħatax il-kura u kustodja tat-tfal u t-tfal ma għadhomx ikellmuh, kif ukoll sofra ksur tad-dritt tal-propjeta', u dana għax il-fond parafernali tiegħu ngħata lill-martu Marita Beck, minn ftit wara li nbdew il-proċeduri, sa sentejn wara s-sentenza finali.*

*Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi huwa ma ngħatax rimedju effettiv meta ż-żewġ talbiet tiegħu għal rikuża ġew rifjutati u meta ż-żewġ ilmenti quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma wasslu mkien.*

*Tul il-proċeduri kollha, għajr għal darba waħda biss, meta tella' lid-Deputat Reġistratur responsabbli, dak iż-żmien, għall-Appelli, il-provi kollha kienu ppernajati sabiex jiġġustifikaw l-ilment tiegħu illi l-Ewwel Qorti ma kinetx korretta fid-deċiżjoni tagħha u li tali deċiżjoni kienet qiegħda tivvjolalu d-drittijiet minnu pretiżi.*

*Jidher ċar, għalhekk, illi l-ilment tiegħu huwa bbażat essenzjalment, fuq l-aġir tal-ewwel Qorti u d-deċiżjoni finali tagħha. Jirriżulta, iżda, illi r-rikorrent, għalkemm esprima riservi serji dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u saħansitra għamel varji allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet dwar il-ġudikant li ppresjeda tali Qorti, naqas milli jikkontesta tali deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, u dana peress illi, filwaqt illi huwa, bħala fatt, appella minn tali deċiżjoni, fil mument illi ġie biex iħallas il-kawtela illi kienet ta' €4,800, tali kawtela ma tħallsitx, u għalhekk l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert.*

*Għalhekk, kwalsiasi kontestazzjoni w aggravji illi r-rikorrent seta' kellu dwar id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, baqgħu qatt ma ġew ikkonsidrati – għax ma ħallasx il-kawtela."*

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

28. Strettament lanqas din il-parti tal-aggravju ma għandha tiġi konsidrata billi kienet il-mertu taż-żewġ talbiet quddiem l-Ewwel Qorti li ġew miċħuda u minnhom ma hemmx dritt ta' appell.

Madankollu lanqas din il-parti tal-aggravju ma tista' tirnexxi. Hu prinċipju stabbilit illi biex wieħed jikkonsidra jekk parti ngħatatx smigħ xieraq trid tara l-proċeduri fl-assjem totali tagħhom. L-appell li kien ressaq ir-rikorrenti mis-sentenza tal-Qorti Ċivili kienet fost affarijiet oħra dwar nuqqasijiet proċedurali li setgħu wasslu għal sentenza nġusta fil-konfront tiegħu frott l-imġieba tal-ġudikant. Ghalhekk bin-nuqqas tar-rikorrenti li jieħu ħsieb bi prudenza u attenzjoni li jottempera ruħu mal-proċedura mandatorja dwar il-ħlas tal-garanżija għall-appell tilef il-jedd li jkompli jmexxi l-appell li fetaħ. Il-proċeduri kostituzzjonali ma kinux forma ta' appell ukoll biex isewwu dak li seta' tmexxa bil-proċess ordinarju. Għalhekk għamlet sew il-Qorti li rrifjutat li teżerċita s-setgħa tagħha skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

***Decide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss